**Xemgħa tnemnem**

Nemnem, nemnem ja xemgħa
Qed nitolbok: tintefiex,
Int it-tama għal ħafna
Jekk nitilfuk m'għandniex biex;

Niftakru fid-Dawl veru
li kull bniedem għandu bżonn,
arana lkoll madwarek
b'vuċi ħelwa, baxx it-ton.

Ibqa' dawwal imqar ftit
Fakkarna fil-qlubija,
Li l-ħajja trid tissokta
Minkejja l-agunija.

Ibqa' sus fis warajna
Ibqa' ħambqilna bil-mod,
Li kull għajnuna tiswa
Dik viċin anki 'l bogħod.

O xemgħa tant imnemna
Arak tixgħel, ma tiqafx,
Maż-żmien kbirt, twatlek ftiltek
Bħal qlubitek ma narax.

Għadek sallum iddawwal
F'kull sala fejn inti tmur,
Inti dawl Kristu Irxoxt
TiegħU int l-ogħla unur.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 t'April 2022

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.